MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 40/2011

Kawza fil-lista: 56

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Gunju 2005 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal ; illi l-kontendenti isseparaw konsenswalment b'kuntratt ippublikat fil-16 ta' Ottubru 2008 ; illi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga ; illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-

drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu ; illi l-kunsens kien vizjat peress li kien inkiseb fl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ; illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-Artikolu 19 (1) (c) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-attrici qed titlob lil din l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra illi jkunu jidhru xierqa u opportuni; bl-ispejjez;

Rat in-nota responsiva ta’ l-intimat fejn jiddikjara li hu jaqbel li z-zwieg huwa null, izda n-nullita hija dovuta ghal htijiet imputabbli lill-attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-partijiet jiddeponu;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikkjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-artikoli fuq citati.

Il-konvenut ma jopponiex imma jghid li kienet l-attrici li tat lok ghall-annullament.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izewgu fil-4 ta’ Gunju 2005, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa tlett snin u nofs; l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 22 sena. Wara konvivenza matrimonjali qasira ta’ circa tlett snin isseparaw minn xulxin b’att pubbliku.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tghid li zewgha, anke waqt l-gherusija, kien biered hafna lejha, u kien jitrattaha b' mod goff.' Tilmenta li kienet thossha nieqsa mill-attenzjoni u l-imhabba, meta kien jippreferi li jiffrekwenta l-hbiebu milli joqghod maghha, bir-rizultat li kienu jillitigaw ta' spiss.

Minkejja dan, hi izzewget ghax kienet tispera li l-affarijiet jitbiddlu wara z-zwieg ; pero s-sitwazzjoni aggravat, u zdied ukol l-ilment li fir-relazzjonijiet intimi l-konvenut kien egojist basta li jinqeda hu.

Dahlet il-bruda, u, fi zmien sena, wara z-zwieg l-attrici tghid li *'kont imdejqa u imxebba ma' zewgi'* (folio 25) u ghalhekk fittxet relazzjoni ma' habib tal-konenvut. Wara xi senu u nofs il-konvenut intebbah b'din ir-relazzjoni u isseparaw legalment.

Illum l-attrici qieghda f'relazzjoni stabbli li ilha ghaddejja ghal dawn l-ahhar 5 snin u li bdiet sena u nofs wara li zzewgget ; il-konvenut ukoll qieghed f'relazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-provi jirrizulta li l-problemi u l-litigar, li kienu jinqalghu qabel iz-zwieg, minhabba d-differenza ta' komportament socjali u emozzjonali bejniethom komplew wara z-zwieg. Il-pretenzjonijiet emozzjonali legittimi ta' l-attrici minn naha, u n-nuqqasijiet tal-konvenut kienu ta' ostaklu serju sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u mhabba.

L-attrici tghid li kienet tilfet l-interess u kien hemm bruda minn naha taghha u ix-xhieda tal-konvenut tindika certu egoizmu, li ftit kien jimpurtah kif qeda thossha martu

Iz-zewg partijiet jammettu li r-relazzjoni bejniethom fil-bidu nett taz-zwieg ma kinetx daqshekk tajba u regolari ghax skond il-konvenut *'xi haga kien hemm, thossok li hemm xi haga (haga hazina fir-relazzjonijiet intimi)'* u din is-sitwazzjoni ma tbiddlitx avolja kienet qed tohrog ma' iehor.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-ghoti tal-kunsens tal-partijiet kien vizzjat peress li kien priv b'mod sostanzjali minn maturita

affettiva u minn dik il-fakolta kritika-estimattiva jew kritika-valuttiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg – l-attrici bil-pretenzzjonijiet taghha u l-konvenut bl-egoizmu tieghu ; u ghalhekk tikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba li z-zwieg huwa null, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici billi tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn ilpartijiet fit-4 ta' Gunju 2005 huwa null u bla effett fil-ligi, tort taz-zewg partijiet.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------